MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 520/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Johanna Maria Gabriella Karlsson (K.I. 56361A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sebgha mija tnejn u disghin ewro u tnejn u hamsin centenzmu (€1792.52c), in konnessjoni ma' 79039008 (AC40174863), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 30 t' April, 2011.

Illi l-ammonti fuq imsemmija jinkludu l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti fl-ammont ta' sebgha mija disgha u erbghin ewro (€749) skont il-kuntratt fuq citat.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2149/12, u bl-imghaxijiet mit-28 ta' Settembru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC40174863

Dok B – Kuntratt datat 30 t' April, 2011

Dok C - Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 2149/12

Dok E – Traduzzjoni tat-Talba

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta' Mejju, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf sebgha mija tnejn u disghin ewro u tnejn u hamsin centenzmu (€1792.52c) u

dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ittra ufficcjali msemmija hawn fuq sal-pagament effettiv, skont it-talba u skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------